

Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC)

Pubblikazzjoni ta' pożizzjoni vakanti għall-kariga ta' Direttur,
fi Stokkolma (Aġent Temporanju – Grad AD 14)

COM/2023/20093

Min aħna

Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC, European Centre for Disease Prevention and Control) huwa aġenzija indipendenti tal-UE, stabbilit permezz tar-Regolament (KE) Nru 2022/2370 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.

L-għan tal-ECDC huwa li jsaħħa id-difiżi tal-Ewropa kontra l-mard infettiv.

Il-missjoni tal-ECDC hija li jidentifika, jivvaluta u jikkomunika t-theddid attwali u emerġenti għas-saħħa tal-bniedem ikkawżat minn mard infettiv, kwistjonijiet speċjali ta' mard u tifqigħat b'oriġini mhux magħrufa.

Sabiex jikseb din il-missjoni, l-ECDC jaħdem bi sħab mal-Kummissjoni Ewropea u mal-korpi nazzjonali tal-protezzjoni tas-saħħa fl-Ewropa kollha biex isaħħa u jiżviluppa sistemi ta' sorveljanza tal-mard u ta' twissija bikrija fil-kontinent kollu. Permezz tal-ħidma tiegħu ma' esperti fl-Ewropa, l-ECDC jiġbor flimkien l-għarfien dwar is-saħħa tal-Ewropa biex jiżviluppa opinjonijiet xjentifiċi awtorevoli, robusti u indipendenti dwar ir-riskji kkawżati minn mard infettiv attwali u emerġenti, kwistjonijiet speċjali tas-saħħa u tifqigħat b'oriġini mhux magħrufa.

Fl-ambitu tal-missjoni tiegħu, l-ECDC għandu:

- a) jfittex *data* xjentifika u teknika rilevanti, jiġborha, jikkategorizzaha, jivvalutaha u jxerriha;
- b) jipprovdi opinjonijiet xjentifiċi u assistenza xjentifika u teknika inkluż it-taħriġ;
- c) jipprovdi informazzjoni f'waqtha lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, lill-aġenziji tal-Komunità u lill-organizzazzjonijiet internazzjonali attivi fil-qasam tas-saħħa pubblika;
- d) jikkordina n-network Ewropew ta' korpi li jaħdmu fl-oqsma fi ħdan il-missjoni taċ-Ċentru, inklużi networks li jinħolqu mill-attivitajiet tas-saħħa pubblika appoġġati mill-Kummissjoni u li jħaddmu n-networks iddedikati għas-sorveljanza;
- e) jiskambja informazzjoni, għarfien espert u l-aħjar prattiki u jiffaċilita l-iżvilupp u l-implementazzjoni tal-azzjonijiet konġunti.

Fir-Regolament li jwaqqaf l-ECDC hemm deskrizzjoni tal-missjoni u l-kompiti taċ-Ċentru. Aktar informazzjoni tinsab fuq is-sit web tal-ECDC <https://www.ecdc.europa.eu/en>.

X'qegħdin nipproponu

Il-kariga ta' Direttur tal-ECDC.

Id-Direttur huwa r-rappreżentant legali u l-immagħni pubblika tal-ECDC u jrid iwieġeb għall-Bord tat-Tmexxija tal-ECDC. Il-persuna se tmexxi u timmaniġġja l-ECDC u terfa' r-responsabbiltà kumplessiva

¹ Ir-Regolament (UE) 2022/2370 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2022 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 853/2004 li jistabbilixxi ċentru Ewropew għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard – ĠU L 314, 6.12.2022, p. 1

għall-operazzjonijiet tagħha u tiżgura li jintlaħqu l-oġġettivi tal-ECDC. Fl-2023, il-baġit tal-ECDC ammonta għal madwar EUR 86 miljun b'total ta' persunal ta' 370.

Ir-responsabbiltajiet tad-Direttur jinkludu:

- l-amministrazzjoni ta' kuljum tal-ECDC f'konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli fis-seħħ u mad-deċiżjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija tiegħu,
- ir-responsabbiltà għall-ġestjoni tal-persunal tal-ECDC, it-trawwim ta' spirtu ta' tim u ambjent tax-xogħol tajjeb,
- it-tfassil ta' proposta għall-Istrateġija u l-Programmi ta' Ħidma tal-ECDC f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni u r-rappurtar dwar l-implimentazzjoni tagħhom lill-Bord tat-Tmexxija,
- l-iżgurar li l-ECDC iwettaq il-kompiti tiegħu f'konformità mar-rekwiżiti legali u li t-talbiet kollha mill-utenti tiegħu jiġu indirizzati b'servizzi ta' livell adegwat u f'konformità mal-iskedi ta' żmien mistennija,
- ir-responsabbiltà għall-prestazzjoni kumplessiva tal-kompiti assenjati lill-ECDC inkluża s-superviżjoni tal-kwalità tas-sistemi ta' kontroll intern u ta' ġestjoni tiegħu,
- it-tnejn u t-tweġġ tal-baġit tal-ECDC u l-iżgurar li dan jiġi ġestit b'mod effiċjenti u f'konformità mal-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba,
- ir-responsabbiltà għall-kwistjonijiet finanzjarji tal-ECDC inklużi, fost l-oħrajn, il-kontijiet finali u d-deċiżjonijiet ta' finanzjament,
- ir-rappreżentanza tal-ECDC u l-involvement mal-firxa ta' partijiet ikkonċernati u mal-pubbliku fir-rigward tal-kwistjonijiet kollha fl-ambitu tal-missjoni tiegħu,
- l-iżgurar tal-kooperazzjoni bejn l-ECDC, il-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew, l-aġenziji tal-UE, l-Istati Membri kif ukoll mal-atturi rilevanti fil-livell internazzjonali,
- l-iżgurar tal-koordinazzjoni tan-network Ewropew ta' korpi li jaħdmu fl-oqsma fi ħdan il-missjoni taċ-Ċentru, inklużi networks li jinħolqu mill-attivitajiet tas-saħħa pubblika appoġġati mill-Kummissjoni u li jħaddmu n-networks iddedikati għas-sorveljanza,

Deskrizzjoni sħiħa tar-responsabbiltajiet tad-Direttur hija pprovduta fl-Artikolu 16 tar-Regolament ta' Twaqqif tal-ECDC.

X'qegħdin infittxu (il-kriterji tas-selezzjoni)

Il-kandidati għandu jkollhom:

Ħiliet ta' manġment:

- kapaċità ppruvata li jmexxu organizzazzjoni kbira u kumplessa, kemm fil-livell strateġiku kif ukoll fil-livell ta' manġment operazzjonali;
- kapaċità li jiżviluppaw u jimplimentaw viżjoni strateġika, jistipulaw oġġettivi u jmexxu u jimmotivaw tim kbir f'ambjent multikulturali, multilingwi u multidixxiplinari;
- ħiliet b'saħħithom ta' teħid ta' deċiżjonijiet, inkluża l-kapaċità li jieħdu deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet kumplessi, fosthom f'ċirkostanzi inċerti, mhux previsti jew li jkunu qegħdin jinbidlu;
- viżjoni ċara għall-promozzjoni tal-missjoni tal-ECDC fil-livell tal-UE u dak internazzjonali.

Għarfien speċjalizzat:

- fehim tajjeb tal-aġenziji u l-istituzzjonijiet Ewropej rilevanti, kif ukoll tal-aġenziji internazzjonali li jittrattaw is-saħħa bħad-WHO/NU, u kif joperaw u jinteraġixxu;
- għarfien sod ta' kwistjonijiet li jirrigwardaw il-politika u l-prattika għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard komunikabbli, attivitajiet internazzjonali relatati u politiki oħra ta' rilevanza għall-attivitajiet tal-ECDC;
- fehim tajjeb u/jew Prattika tajba tal-attivitajiet ta' valutazzjoni tar-riskju u ta' komunikazzjoni

- tar-riskju;
- esperjenza Prattika fil-ġestjoni baġitarja, finanzjarja u tar-riżorsi umani f'kuntest nazzjonali, Ewropew u/jew internazzjonali.

Kwalitajiet u ħilet personali:

- kapaċità ta' mġiba b'integrità u komunikazzjoni b'mod effiċjenti u mexxej fil-livelli kollha, b'mod trasparenti u miftuħ, mal-awtoritajiet nazzjonali u lokali, mal-partijiet ikkonċernati, mal-pubbliku ġenerali, mal-organizzazzjonijiet Ewropej u internazzjonali, mal-istampa, u ta' rappreżentanza tal-aġenzija f'fora internazzjonali;
- ħilet interpersonali, organizzazzjonali u ta' negozjar eċċellenti, u l-kapaċità ta' trawwim ta' relazzjonijiet ta' ħidma fdati mal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, mal-aġenziji tal-UE, mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati;
- fehim tajjeb ħafna tal-prinċipji gwida tal-ECDC ta' ftuħ, trasparenza, indipendenza u eċċellenza xjentifika, u aderenza magħhom.

Kundizzjonijiet ta' ammissjoni (ir-reqwiziti tal-eliġibbiltà)

Il-kandidati jiġu kkunsidrati biss għall-fażi tas-selezzjoni abbażi tar-reqwiziti formali li ġejjin, li jridu jiġu ssodisfati **sal-iskadenza għall-applikazzjonijiet**:

- Nazzjonalità: il-kandidati jridu jkunu ċittadini ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.
- Lawrja jew diploma mill-università: il-kandidati jrid ikollhom:
 - livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma ċċertifikati b'diploma meta l-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun ta' 4 snin jew aktar;
 - jew inkella livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma ċċertifikati b'diploma u esperjenza professjonali xierqa ta' minn tal-inqas sena meta l-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun minn tal-inqas 3 snin (din is-sena ta' esperjenza professjonali ma tistax tkun inkluża fl-esperjenza professjonali postgradwatorja meħtieġa hawn taħt).
- Esperjenza professjonali: il-kandidati jrid ikollhom minn tal-inqas 15-il sena esperjenza professjonali postgradwatorja² f'livell li l-kwalifiki msemija hawn fuq jagħtu aċċess għalih. Minn tal-inqas 5 snin minn din l-esperjenza professjonali jridu jkunu fil-qasam tal-attivitajiet tal-ECDC.
- Esperjenza manġerjali: minn tal-inqas 5 snin mill-esperjenza professjonali postgradwatorja jridu jkunu nkisbu f'kariga manġerjali ta' livell għoli³ f'qasam ta' rilevanza għal din il-kariga.
- Lingwi: il-kandidati jrid ikollhom għarfien tajjeb ħafna ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea⁴ u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa oħra minn dawn il-lingwi uffiċjali. Waqt l-intervista/i, il-bordijiet tas-selezzjoni se jivverifikaw jekk il-kandidati jikkonformawx mar-reqwiżit ta' għarfien sodisfaċenti ta' lingwa uffiċjali oħra tal-UE. Dan jista' jinkludi li l-intervista jew parti minnha ssir b'din il-lingwa l-oħra.
- Età massima: il-kandidati jridu jkunu jistgħu jlestu, sal-iskadenza tal-applikazzjoni, il-mandat sħiħ

² L-esperjenza professjonali titqies biss jekk tkun tirrappreżenta relazzjoni ta' ħidma konkreta li tkun definita bħala ħidma reali u ġenwina, bi ħlas u bħala impjegat (kull tip ta' kuntratt) jew fornitur ta' servizz. L-attivitajiet professjonali li jkunu saru fuq bażi part-time għandhom jiġu kkalkulati *pro rata*, abbażi tal-perċentwal iċċertifikat ta' sigħat full-time li jkunu nħadmu. Il-leave tal-maternità/leave parentali/leave għall-adozzjoni jitqies jekk ikun fil-qafas ta' kuntratt ta' xogħol. Id-dottorati jiġu assimilati mal-esperjenza professjonali, anki meta ma jkunux bi ħlas, iżda għal perjodu ta' mhux aktar minn 3 snin, dment li d-dottorati ikun ġie kkompletat b'eżitu pożittiv. Perjodu partikolari jista' jingħadd darba biss.

³ Għas-snin kollha li matulhom tkun inkisbet l-esperjenza manġerjali, fil-*curriculum vitae* tagħhom, il-kandidati għandhom jindikaw b'mod ċar: (1) it-titlu u r-rwol tal-karigi manġerjali okkupati; (2) l-għadd ta' persunal taħt ir-responsabbiltà tagħhom f'dawn il-pożizzjonijiet; (3) id-daqs tal-baġits ġestiti; (4) l-għadd ta' livelli ġerarkiċi superjuri u inferjuri; u (5) l-għadd ta' kollegi fl-istess livell.

⁴ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A01958R0001-20130701>

ta' 5 snin qabel ma jaslu għall-età tal-irtirar. Fil-każ tal-persunal temporanju tal-Unjoni Ewropea, l-età tal-irtirar hija definita bħala l-aħħar tax-xahar li fih il-persuna tagħlaq 66 sena (ara l-Artikolu 47 tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea⁵).

Selezzjoni u appuntar

Id-Direttur se jiġi appuntat mill-Bord tat-Tmexxija tal-ECDC abbażi ta' lista qasira pprovduta mill-Kummissjoni Ewropea.

Sabiex tistabbilixxi din il-lista qasira, il-Kummissjoni Ewropea torganizza selezzjoni f'konformità mal-proċeduri ta' selezzjoni u ta' rekrutazzjoni tagħha (ara d-Dokument dwar il-Politika dwar Uffiċjali Għolja⁶).

Bħala parti minn din il-proċedura tas-selezzjoni, il-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi bord tal-preselezzjoni. Dan il-bord janalizza l-applikazzjonijiet kollha, jipproċedi bl-ewwel verifika tal-eliġibbiltà u jidentifika l-kandidati li jkollhom l-aħjar profil fid-dawl tal-kriterji tas-selezzjoni msemmija hawn fuq, u li jistgħu jiġu mistiedna għal intervista mal-bord tal-preselezzjoni.

Wara dawn l-intervisti, il-bord tal-preselezzjoni jfassal il-konklużjonijiet tiegħu u jipproponi lista ta' kandidati għal intervisti ulterjuri mal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Ħatriet (CCA, Consultative Committee on Appointments) tal-Kummissjoni Ewropea. Is-CCA, filwaqt li jqis il-konklużjonijiet tal-bord tal-preselezzjoni, jiddeċiedi dwar il-kandidati li għandhom jiġu mistiedna għal intervista.

Il-kandidati li jissejju għal intervista mas-CCA jipparteċipaw f'ċentru ta' valutazzjoni tal-maniġment ta' jum sħiħ immexxi minn konsulenti ta' rekrutazzjoni esterni. Filwaqt li jqis ir-riżultati tal-intervista u r-rapport ta' ċentru ta' valutazzjoni, is-CCA jistabbilixxi lista qasira ta' kandidati li jikkunsidra adattati biex jeżerċitaw il-kariga ta' Direttur tal-ECDC.

Il-kandidati fil-lista qasira tas-CCA jiġu intervistati mill-Membru/i tal-Kummissjoni responsabbli għad-Direttorat Ġenerali inkarigat mir-relazzjonijiet mal-ECDC.

Wara dawn l-intervisti, il-Kummissjoni Ewropea tadotta lista qasira tal-kandidati l-aktar adattati, li tiġi kkomunikata lill-Bord tat-Tmexxija tal-ECDC. L-inklużjoni f'din il-lista qasira ma tiggarantix l-appuntar.

Il-Bord tat-Tmexxija tal-ECDC jintervista lil dawn il-kandidati u jappunta kandidat. Qabel l-appuntar, il-kandidat nominat jintalab jagħmel dikjarazzjoni quddiem il-Parlament Ewropew u jwieġeb il-mistoqsijiet.

Il-kandidati jistgħu jkunu meħtieġa jagħmlu iktar intervisti u/jew testijiet minbarra dawk indikati hawn fuq.

Opportunitajiet Indaqs

Il-Kummissjoni u l-ECDC ifittxu li jiksbu l-oġettiv strateġiku tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-livelli maniġerjali kollha sa tmiem il-mandat attwali u japplikaw politika ta' opportunitajiet indaqs u ta' nondiskriminazzjoni f'konformità mal-Artikolu 1d tar-Regolamenti tal-Persunal⁷ filwaqt li jinkoraġġixxu applikazzjonijiet li jistgħu jikkontribwixxu għal aktar diversità, ugwaljanza bejn il-ġeneri u bilanċ ġeografiku kumplessiv.

⁵ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A01962R0031-20140701>

⁶ https://commission.europa.eu/jobs-european-commission/job-opportunities/managers-european-commission_en#vacancies (jeżisti bl-Ingliż biss)

⁷ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A01962R0031-20140701>

Kundizzjonijiet tal-impjieg

Is-salarji u l-kundizzjonijiet tal-impjieg huma stabbiliti fil-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Il-kandidat li jkun irnexxa jiġi impjegat mill-Bord tat-Tmexxija tal-ECDC bħala Aġent Temporanju fil-grad ta' AD14⁸. Jiġi kklassifikat skont it-tul ta' żmien tal-esperjenza professjonali preċedenti tiegħu fl-iskala 1 jew fl-iskala 2 ta' dak il-grad.

Il-kandidat jiġi appuntat għal mandat inizjali ta' 5 snin, li possibbilment jista' jiġi estiż b'perjodu massimu ta' 5 snin skont ir-Regolament li jistabbilixxi l-ECDC kif applikabbli fil-mument tal-appuntar.

L-applikanti għandhom jieħdu nota tar-rekwiżit skont il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea li l-persunal il-ġdid kollu għandu jtemm b'suċċess perjodu ta' prova ta' 9 xhur.

Il-post ta' impjieg huwa Stokkolma (l-Iżvezja), fejn huwa bbażat l-ECDC. Il-

kariga hija disponibbli mis-16 ta' Ġunju 2024.

Informazzjoni importanti għall-kandidati

Infakkru lill-kandidati li x-xogħol tal-bordijiet tal-għażla huwa kunfidenzjali. Il-kandidati ma jistgħux jagħmlu kuntatt dirett jew indirett mal-membri individwali tagħhom, u lanqas ma' jista' jagħmel hekk ħaddieħor f'isimhom. Kull mistoqsija għandha tiġi indirizzata lis-segretarjat tal-bord rilevanti.

Protezzjoni ta' data personali

Il-Kummissjoni se tiżgura li d-data personali tal-kandidati tkun ipproċessata kif meħtieġ mir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹. Dan japplika b'mod partikolari għall-kunfidenzjalità u għas-sigurtà ta' dik id-data.

Indipendenza u dikjarazzjoni tal-interessi

Il-kandidati jintalbu jagħmlu dikjarazzjoni ta' impenn li jaġixxu b'mod indipendenti favur l-interess pubbliku u jagħmlu dikjarazzjoni fir-rigward ta' kull interess li jista' jitqies li jippreġudika l-indipendenza tagħhom.

Il-proċedura tal-applikazzjoni

Qabel tibgħat l-applikazzjoni tiegħek, għandek tivverifika bir-reqqa jekk tissodisfax ir-rekwiżiti tal-eliġibbiltà kollha ("Kundizzjonijiet ta' ammissjoni"), b'mod partikolari dwar it-tipi ta' diploma, l-esperjenza professjonali ta' livell għoli kif ukoll il-kapaċità lingwistika meħtieġa. Jekk ma tissodisfax xi wieħed mir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà, tiġi eskluż awtomatikament mill-proċedura tas-selezzjoni.

Jekk tkun trid tapplika, trid tirreġistra bl-internet fis-sit web li ġej u timxi mal-istruzzjonijiet li jirrigwardaw id-diversi stadji tal-proċedura:

<https://ec.europa.eu/dgs/human-resources/seniormanagementvacancies/>

⁸ Il-koeffiċjent ta' korrezzjoni applikabbli għar-rimunerazzjoni u għall-pensjonijiet tal-uffiċjali u ta' aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea għall-Iżvezja huwa stabbilit għal 124,9 % mill-1 ta' Lulju 2022. Dan il-koeffiċjent huwa suġġett għal reviżjoni annwali.

⁹ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

Irid ikollok indirizz tal-posta elettronika validu. Dan jintuża biex tiġi kkonfermata r-reġistrazzjoni tiegħek kif ukoll biex jinżamm kuntatt miegħek matul l-istadji differenti tal-proċedura. Għaldaqstant, nitolbuk tinforma lill-Kummissjoni Ewropea bi kwalunkwe bidla fl-indirizz tal-posta elettronika tiegħek.

Sabiex timla l-applikazzjoni tiegħek, trid ittella' CV f'format PDF, preferibbilment fil-format tas-CV tal-Europass¹⁰, u timla, online, ittra ta' motivazzjoni (massimu ta' 8 000 karattru). Is-CV u l-ittra ta' motivazzjoni tiegħek jistgħu jintbagħtu bi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Huwa fl-interess tiegħek li tiżgura li l-applikazzjoni tiegħek tkun preċiża, dettaljata u veritiera.

Ladarba tkun lestejt ir-reġistrazzjoni online tiegħek, tirċievi email li tikkonferma li l-applikazzjoni tiegħek tkun ġiet irreġistrata. **Jekk ma tirċevix email ta' konferma, l-applikazzjoni tiegħek ma tkunx ġiet irreġistrata!**

Ta' min jinnota li mhuwiex possibbli li ssegwi l-progress tal-applikazzjoni tiegħek online. Il-Kummissjoni Ewropea tikkuntattja direttament rigward l-istatus tal-applikazzjoni tiegħek.

L-applikazzjonijiet li jintbagħtu bil-posta elettronika ma jiġux aċċettati. Jekk tkun teħtieġ iktar informazzjoni u/jew tiltaqa' ma' problemi tekniċi, ibgħat email lil: HR-MANAGEMENT-ONLINE@ec.europa.eu

Hija r-responsabbiltà tiegħek li timla r-reġistrazzjoni online fil-ħin. Nagħtuk parir biex ma tħallix għall-aħħar jiem biex tapplika, billi traffiku qawwi fuq l-internet jew problema fil-konnessjoni tal-internet tiegħek jistgħu jwasslu biex ir-reġistrazzjoni online tiegħek tiġi tterminata qabel ma tlestiha, u b'hekk ikollok tirrepeti l-proċess kollu. Ladarba jiskadi ż-żmien għas-sottomissjoni tar-reġistrazzjonijiet, ma tkunx tista' ddaħħal iktar data. Ir-reġistrazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux aċċettati.

Data tal-għeluq

Id-data tal-għeluq għar-reġistrazzjoni hija s-**26/06/2023, 12.00 nofsinhar, ħin ta' Brussell**, u wara ma jkunx iktar possibbli li tirreġistra.

¹⁰ Tista' ssib informazzjoni dwar kif toħloq is-CV tal-Europass tiegħek online hawnhekk: <https://europa.eu/europass/mt/create-europass-cv>